Edukazzjoni Reliġjuża

# Ideat għall-Assessjar fuq bażi ta' skola

*Id-Disa' u l-Għaxar Sena*

Għeżież Għalliema,

Id-Dipartiment tar-Reliġjon ħass il-bżonn li jagħti xi eżempji kif wieħed għandu jibni SBA fil-lezzjonijiet tar-Reliġjon. Importanti li kull għalliem jara l-importanza tal-assessjar, li dan għandu jkun maħsub b'reqqa li jolqot u jkun ta' benefiċċju għall-istudenti kollha ta' kull livell akkademiku.

L-eżempji li ġew mogħtija ppruvaw jolqtu d-diversità fl-intelletwalità tal-istudenti li jkollna quddiemna. Importanti li l-għalliem qabel ma jibni l-SBA tiegħu jagħraf u jifhem aħjar l-istudenti tiegħu. Ħafna minnkom diġà qed tagħmlu dan fil-klassijiet tagħkom u taħdmu biex taraw li l-istudenti jkunu ta' suċċess kemm fit-tagħlim tar-reliġjon kif ukoll fil-ħajja morali u spiritwali tagħhom.

Il-viżjoni tagħna bħala dipartiment hi li t-tagħlim u l-assessjar ikun vjaġġ li jgħin l-istudenti tul il-ħajja tagħhom. L-istudenti għandhom bżonn jiksbu ħiliet li huma relevanti għal ħajjithom, il-bżonnijiet tagħhom u x-xogħol tagħhom fil-futur.

*Ms Antoinette Laferla*
Uffiċċjal Edukattiv

***Eżempji li wieħed jista' juża matul is-sena skolastika bħala mezz ta' assessjar kontinwu. Dawn jistgħu jkunu ppreżentati b'modi differenti mill-istudent, skont kif ikun ġie miftiehem mill-għalliem li jagħti attenzjoni għall-abbiltà tal-istudenti li għandu quddiemu.***

## 1.1d RIĊERKA

Agħmel riċerka dwar organizzazzjoni Maltija li taħdem fi ħdan il-Knisja. Flimkien ma' sħabek żur din l-organizzazzjoni u wara ż-żjara, ikteb dwar l-esperjenza tiegħek. Semmi punti bħal x'inhu x-xogħol li qed tagħmel din l-organizzazzjoni, x'kontribut qed tagħti lill-Knisja u lis-soċjetà Maltija u x'tgħallimt dwar il-volontarjat. Jekk tkun għamilt xi xogħol matul iż-żjara, tista' titkellem dwar dan u tgħid ukoll x'tgħallimt minn din l-esperjenza.

## 1.1e /6.1y INTERVISTA

Sib saċerdot u għamillu intervista dwar is-sejħa tiegħu u l-esperjenza tiegħu fis-saċerdozju. Eżempju ta' mistoqsijiet jistgħu jkunu:

- Meta bdejt tistudja għas-saċerdozju?
- X'ħajrek tagħżel din it-tip ta' ħajja?
- X'diffikultajiet tiltaqa' magħhom?
- Kif inhi ġurnata tipika tiegħek?
- X'messaġġ tagħti lil min għadu ma jafx x'irid jagħmel b'ħajtu

## 4.1j KITBA FIT-TUL

Mill-esperjenza tiegħek ta' ħbiberija, ikteb dwar il-kwalitajiet li tfittex fi ħbieb ta' veri. Mill-ħajja ta' Ġesù, uri kif dawn il-kwalitajiet Ġesù għexhom ma' ħbiebu.

## 4.1l ROLE PLAY

Ikteb reċta qasira li fiha turi kif Ġesù, kemm bil-kliem kif ukoll bl-għemil, wera rispett lejn id-dinjità ta' kull individwu. Tista' tagħżel ġrajjiet bħal: il-fejqan taċ-Ċenturjun, il-ġrajja ta' Żakkew jew ġrajjiet simili.

## 4.3 INTERVISTA

Immaġina li Ġesù qiegħed jgħix illum il-ġurnata. (a) Ipprepara intervista qasira bejnek u bejn Ġesù b'mistoqsijiet li kieku kont tagħmel int. (b) Ikteb x'taħseb kif kienet tkun it-tweġiba tiegħu.

(Din l-intervista tista' tiġi marbuta ma' los differenti skont is-suġġett li tkun qed tiddiskuti fil-klassi.)

## 5b INTERVISTA

Intervista persuna li għandha għal qalbha l-Valuri Nsara (bħall-ġenituri, saċerdot, katekist, għalliema u persuni oħra li int midħla tagħhom) u staqsihom:

- Min hu n-Nisrani?
- X'inhuma dawk il-kwalitajiet li jagħmluk persuna Nisranija?
- X'tagħmel biex tgħix il-valuri Nsara?
- Kif iġġib ruħek quddiem id-diffikultajiet li tiltaqa' magħhom fil-ħajja?

## 5e SEZZJONI TA' TALB

Fil-bidu tas-sena skolastika, l-għalliem se jispjega li kull student irid iħejji talba spontanja li jrid jaqraha fil-bidu tal-lezzjoni. Bħala għajnuna, l-għalliem se jkun qed jidentifika t-tema tat-talba li l-istudent irid iħejji, per eżempju: talba ta' ringrazzjament, talba ta' maħfra, talba għal dawk li huma emarġinati, talba għall-paċi, talba għall-familja, talba għall-mexxejja tal-pajjiż, eċċ.

Din it-talba tista' tiddaħħal fil-file tal-istudent jew inkella titwaħħal fuq is-siġra tat-talb (prayer tree) li l-għalliem ikun ħejja minn qabel u waħħal fil-klassi.

## 5g, 5h RIĊERKA

Il-klassi tinqasam fi gruppi varji. L-istudenti se jintalbu biex id-dar ifittxu stampi mill-ħajja ta' kuljum relatati mal-opri tal-ħniena, kif ikun ġie spjegat mill-għalliem fil-klassi. F'lezzjoni, l-istudenti jridu jagħmlu chart b'dawn l-istampi u jiktbu wkoll kif dawn l-Opri tal-Ħniena qed jgħixuhom fil-ħajja tagħhom.

## 5.3o ATTIVITÀ FILANTROPIKA

L-istudenti jorganizzaw attività l-iskola bħala grupp jew klassi (fund-raising activity). Il-flus li jinġabru jingħataw lil xi organizzazzjoni ta' karità magħżula mit-tfal stess. Ix-xogħol għandu juri: informazzjoni dwar l-organizzazzjoni li ntagħżlet, kif tqassam ix-xogħol, informazzjoni dwar l-attività, il-qliegħ li sar u kif din l-attività tirrifletti l-valuri teologali Nsara.

## 6.2i DJALOGU

Ikteb djalogu bejnek u bejn ħabib tiegħek biex turi l-importanza tal-Evanġelju fid-dinja tallum. F'dan id-djalogu, huwa importanti li ssemmi dawk l-aspetti li juru kif il-messaġġ tal-Evanġelju għadu relevanti fil-ħajja tagħna llum il-ġurnata.

## 6.2k PROĠETT

Permezz ta' stampi jew kitba jew video clip qasir uri il-fażijiet tat-tradizzjoni orali u kif din wasslet għall-kitba tal-Bibbja li għandna llum.

## 6.1c TIME-LINE

Agħmel chart jew powerpoint fejn turi l-istadji differenti tal-Istorja tas-Salvazzjoni f'ordni kronoloġika. Għandu jkun hemm ritratti jew stampi relatati mal-personaġġi msemmija.

## 8.1g RIĊERKA

Agħmel riċerka fejn fiha turi d-diversi attivitajiet li l-Knisja tagħmel fost il-fqar u l-batuti. Identifika tnejn minn dawn l-attivitajiet u ddeskrivi x'servizz qed jagħtu fil-kommunità f'isem il-Knisja.

## 8.1k CASE STUDY

Joan u Lara, għalkemm kienu ħbieb u jattendu l-istess skola, kienu qed jistennew li xi ħadd minnhom jintgħażel biex jirrappreżenta lill-iskola f'kompetizzjoni barra minn Malta. L-għalliema li kienet qed tieħu ħsieb il-kompetizzjoni ltaqgħet ma' Joan fil-kuritur u qaltilha li d-data tal-għeluq biex tapplika kienet inbidlet u ġiet iktar fil-viċin. Minħabba li kienet taf li Joan u Lara kienu ħbieb, qaltilha biex tavża b'dan anke lil Lara. Issa Joan ġiet f'dilemma, jekk tgħid lil Lara b'dan hemm ċans li tirbħilha u jekk ma tavzahiex li nbidlet id-data jkollha iktar ċans li tintgħażel hi. X'tagħmel?

Wieġeb dawn il-mistoqsijet dwar dan il-każ.

- Kieku kont int flok Joan x'kont tagħmel u għaliex?
- X'ifissru l-virtujiet tal-onestà u tal-integrità anke fid-dawl ta' dan il-każ?
- X'diffikultajiet ngħaddu minnhom meta nippruvaw ngħixu ħajja onesta u integra?
- Semmi kif San Tumas More eżerċita l-virtujiet tal-onestà u l-integrità f'ħajtu.

## 8.1m/n KITBA KREATTIVA

Ipprepara diskors biex tippreżentah lill-mexxejja tal-pajjiż. Permezz ta' dan id-diskors uri l-problema tal-faqar f'pajjiżna u f'pajjiżi mbiegħda u offri soluzzjonijiet kif tista' tittaffa din il-problema b'valuri Nsara sostnuti mit-tagħlim ta' Ġesù.